



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/0270(COD)

6.6.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni
(COM(2011)0609 – C7-0318/2011 – 2011/0270(COD))

Rapporteur: Tomasz Piotr Poręba

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Bħala parti mill-pakkett leġislattiv għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni pproponiet abbozz ta' regolament li jstabilixxi l-programme il-ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali (minn hawn 'il quddiem "il-Programm")

Ir-regolament li jstabilixxi l-Programm il-ġdid ġie integrat fil-pakkett ta' nefqiet li jaqa' taħt l-intestatura 1 (Tkabbir intelliġenti u inklussiv) tal-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid 2014-2020.

Il-Programm huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija "Ewropa 2020" u għall-ilħuq tal-objettivi tiegħu f'dawk li huma żvilupp intelliġenti u sostenibbli u integrazzjoni soċjali bis-saħħa ta' varjetà ta' miżuri – b'mod partikolari attivitajiet ta' analiżi, azzjonijiet fil-qasam tat-taħriġ reċiproku, l-appoġġ tal-entitajiet prinċipali inkarigati mill-ilħuq tal-objettivi tal-Programm, il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni u l-appoġġ tal-mikrointrapriżi – immirati biex jiffavorixxu livell għoli ta' okkupazzjoni, jiggerantixxu kopertura soċjali xierqa, jiġġieldu kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Il-Kummissjoni tipproponi li jingħaqdu flimkien tliet strumenti li diġà jeżistu – il-programm Progress, il-programm EURES u l-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress favur l-okkupazzjoni u l-integrazzjoni soċjali – fil-qafas ta' programm uniku għall-bidla soċjali u l-innovazzjoni soċjali.

L-objettiv tal-programm Komunitarju Progress għall-okkupazzjoni u s-solidarjetà soċjali, maħluq fl-2006, hu li jsostni l-politika tal-impjeg tal-Unjoni Ewropea billi jissorvelja l-politiki mmexxija f'dan il-qasam, jiffavorixxi t-taħriġ reċiproku, jiżviluppa strumenti u metodi statistiċi, jappoġġja lill-atturi prinċipali, joħloq netwerks u jipproċedi għal azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni. Il-benefiċjarji prinċipali ta' dawn il-fondi huma l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

In-Netzwerk tas-Servizzi Ewropej tal-Impjegi (EURES) inħoloq fl-2002. In-netwerk għandu l-għan li jiffaċilita l-mobilità ġeografika tal-ħaddiema fi ħdan l-UE. EURES jappoġġja l-ħolqien ta' sħubijiet transkonfinali li jikkostitwixxu kemm pjattaforma ta' kuntatt bejn is-servizzi pubbliċi u s-sħab soċjali u kemm għajn ta' parir għall-kwestjonijiet marbuta mad-drittijiet u d-dmirijiet tal-ħaddiema.

Il-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress favur l-okkupazzjoni u l-integrazzjoni soċjali, maħluq fl-2010, jiffaċilita l-aċċess għal għajjnuna fis-sura ta' mikrokreditu lill-persuni li huma żvantaġġjati fir-rigward ta' aċċess għas-suq tal-kreditu tradizzjonali (persuni mingħajr impjeg, mhedda mill-esklużjoni soċjali) u lill-persuni li jixtiequ joħolqu jew jiżviluppaw l-intrapriża tagħhom stess. L-istrument ta' mikrofinanzjament ma jagħtix b'mod dirett riżorsi finanzjarji lill-intraprendituri imma jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzi stabbiliti fl-Istati Membri tal-Unjoni jassenjaw aktar faċilment selfiet lill-intraprendituri li jixtiequ joħolqu l-intrapriża tagħhom stess jew li jixtiequ jiżviluppaw intrapriża li diġà teżisti.

Ir-regolament li jstabilixxi l-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-bidla soċjali u l-innovazzjoni soċjali għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-iskadenza tal-programmi eżistenti, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2014, u jibqa' jiġi implimentat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

Il-Kummissjoni pproponiet li l-appropriazzjonijiet finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-Programm għandhom jammontaw għal EUR 958.19 miljun għall-perjodu li jkopri mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Ir-rapporteur iqis li l-Kummissjoni ma tagħti l-ebda indikazzjoni tal-valur miżjud li jirriżulta minn din il-kumbinazzjoni tat-tliet programmi li diġà huma stabbiliti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma stabbilietx id-demarkazzjoni bejn il-miżuri previsti fil-qafas tal-Programm il-ġdid u l-miżuri ta' appoġġ proposti fil-qafas tal-Fondi li jirriżultaw mill-politika ta' koeżjoni (FSE, FEŻR) u ma ggarantietx il-koordinament effikaċi ta' bejniethom. Dan il-fatt ikkawża duplikazzjonijiet f'ċerti reġjuni Barra minn hekk ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ stabbilit mill-Programm il-ġdid rigward id-disinjar u l-implimentazzjoni ta' esperimentazzjonijiet soċjali li għandu jkun disponibbli taħt l-assi tal-programm Progress jidduplika l-kamp ta' applikazzjoni f'dik li hi innovazzjoni soċjali prevista fil-qafas tal-proposta għal regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew. Dan mhux kollox: ir-regolament li jirregola l-funzjonament tal-FEŻR jipprovdi għal miżuri ta' appoġġ favur intrapriżi soċjali. Meta jitqiesu dawn l-elementi, hija ħaġa indispensabbli li jiġi definit b'mod ċar kif l-istrument il-ġdid se jiġi integrat fil-mekkaniżmi kumplementari li jinsabu fis-seħħ fil-politika ta' koeżjoni.

Il-Kummissjoni, filwaqt li tiddedika 17 % tal-finanzjament disponibbli taħt l-assi tal-programm Progress għall-promozzjoni tal-esperimentazzjonijiet soċjali, ma tippreżentax b'mod preċiż l-oġġettivi speċifiċi fl-oqsma tal-innovazzjoni soċjali u tal-esperimentazzjonijiet soċjali. Ir-rapporteur jissuġġerixxi li l-limitu ta' finanzjament fiss impost mill-Kummissjoni jsir flessibbli għall-esperimentazzjonijiet soċjali u jenfasizza li l-oġġettivi tal-innovazzjoni soċjali ma jistgħux jiġu realizzati ħliet f'kooperazzjoni mas-sistemi soċjali nazzjonali u mhux billi jiġu sostitwiti. Irid jiġi organizzat dibattitu politika wiesa' qabel ma jiġi adottat xi approċċ ieħor fil-qasam.

Fil-kuntest ekonomiku attwali, il-mikrokreditu huwa l-istrument li, fost it-tlieta li huma, jippermetti li jinkisbu r-riżultati l-aktar tanġibbli. L-intrapriżi ż-żgħar u l-mikrointrapriżi jirrappreżentaw qrib id-99 % tas-soċjetajiet li għadhom kif inħolqu fl-Ewropa u terz minnhom raw il-bidu tagħhom bis-saħħa ta' nies li kienu qiegħda. Għaldaqstant, jeħtieġ mhux biss li jiżdied il-persentaġġ tal-mikrokrediti fil-baġit tal-Programm il-ġdid imma wkoll li jiġi enfasizzat ir-rwol essenzjali li huma jwettqu fil-ġlieda kontra l-esklużjoni.

F'dan il-perjodu ta' kriżi ekonomika u ta' dixxiplina baġitarja stretta għall-Istati Membri, ir-rapporteur jesprimi ruħu kontra ż-żieda fl-ispejjeż amministrattivi (Artikolu 5, paragrafu 3) u kontra tiġi stabbilita riżerva baġitarja ta' 5 %, li r-ridistribuzzjoni tagħha għadha ma ġietx definita b'mod ċar mill-Kummissjoni.

Fir-rigward tar-rwol tar-reġjuni u tal-ibliet fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-Programm il-ġdid, jeħtieġ li tiġi enfasizzata kemm hu importanti li dawn l-entitajiet jiġu involuti fil-fażijiet operazzjonali kollha tal-implimentazzjoni tal-Programm.

Għandha tingħata prijorità wkoll lit-tfassil tal-attivitajiet tal-EURES b'tali mod li jkunu adattati għall-ħtiġijiet taż-żgħażaġħ, li aktar minn 20 % minnhom jinsabu bla xogħol. Ir-rapporteur jiddispjaċih li jkollu jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li ma hemmx valutazzjoni tal-effikaċja tal-programm EURES u data rigward l-għadd ta' persuni li sabu impjieg bis-saħħa ta' dan il-programm.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali u l-inizjattivi emblematiċi tal-Unjoni fil-qasam tal-Innovazzjoni jidentifikaw l-innovazzjoni soċjali bħala għodda b'saħħitha sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali li joriġinaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-faqar, il-qgħad, il-mudelli tax-xogħol u l-istili tal-ħajja l-ġodda, u l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward tal-ġustizzja soċjali, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. Il-Programm għandu jagħti appoġġ lil azzjoni sabiex tiġi intensifikata l-innovazzjoni soċjali fl-oqsma tal-politika li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tiegħu fis-settur pubbliku, f'dak privat u fit-tielet settur, waqt li jitqies kif dovut ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali. B'mod partikolari, għandu jgħin l-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u ż-żieda ta' soluzzjonijiet **u prattiċi** innovattivi permezz tal-esperimentazzjoni soċjali sabiex jassisti lill-Istati Membri b'mod aktar effettiv biex jirrifurmaw is-swieq tax-xogħol u l-politiki tal-protezzjoni soċjali tagħhom. Għandu jaġixxi wkoll bħala katalist għal sħubijiet u netwerking transnazzjonali bejn l-atturi tas-settur pubbliku, dak privat u t-tielet settur kif ukoll jagħti appoġġ fl-involvement tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' approċċi ġodda fl-indirizzar ta' ħtiġijiet u sfidi soċjali urġenti.

Emenda

(4) Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali u l-inizjattivi emblematiċi tal-Unjoni fil-qasam tal-Innovazzjoni jidentifikaw l-innovazzjoni soċjali bħala għodda b'saħħitha – ***b'mod partikolari f'dan iż-żmien ta' kriżi ekonomika fl-Unjoni u fir-reġjuni tagħha*** – sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali li joriġinaw mit-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-faqar, il-qgħad, il-mudelli tax-xogħol u l-istili tal-ħajja l-ġodda, u l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward tal-ġustizzja soċjali, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa. Il-Programm għandu jagħti appoġġ lil azzjoni sabiex tiġi intensifikata l-innovazzjoni soċjali fl-oqsma tal-politika li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tiegħu fis-settur pubbliku, f'dak privat u fit-tielet settur, waqt li jitqies kif dovut ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali. B'mod partikolari, għandu jgħin l-identifikazzjoni, l-evalwazzjoni u ż-żieda b'mod proporzjonat ta' soluzzjonijiet innovattivi ***u l-implimentazzjoni Prattika tagħhom*** permezz tal-esperimentazzjoni soċjali sabiex jassisti lill-Istati Membri b'mod aktar effettiv biex jirrifurmaw is-swieq tax-xogħol u l-politiki tal-protezzjoni soċjali tagħhom, ***sabiex, b'mod partikolari, tingħata spinta lit-tkabbir u lill-iżvilupp ibbilanċjat fir-reġjuni tal-Unjoni***. Għandu jaġixxi wkoll bħala katalist għal sħubijiet u netwerking transnazzjonali bejn l-atturi tas-settur pubbliku, dak privat u t-tielet settur kif

ukoll jagħti appoġġ fl-involviment tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' approċċi ġodda fl-indirizzar ta' ħtiġijiet u sfidi soċjali urġenti. ***Il-Programm għandu jgħin ukoll biex jiġu identifikati, evalwati u miżjuda soluzzjonijiet u prattiki innovattivi permezz tal-esperimentazzjoni tal-politika soċjali sabiex jassisti lill-Istati Membri jżidu l-effiċjenza tas-swieq tax-xogħol tagħhom u jkomplu jtejbu l-politiki tagħhom tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, fejn ikun hemm bżonn. Il-Programm għandu wkoll jagħti attenzjoni partikulari lid-dimensjoni territorjali tal-faqar u l-esklużjoni, u speċjalment lill-inugwaljanzi li qed jiżdiedu bejn ir-reġjuni u fi ħdanhom, u bejn ir-reġjuni u l-bliet.***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-metodu miftuħ ta' koordinament, filwaqt li ta' provi tal-flessibilità u tal-effikaċja operazzjonali tiegħu fl-oqsma tal-politika soċjali, imissu jiġi utilizzat b'mod olistiku fl-oqsma li huma ta' interess għall-Istati Membri. Għalhekk għandu jiġi utilizzat aktar, mhux l-anqas bil-għan li jittejjeb il-Programm u jsir aktar effikaċi.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) L-Unjoni għandha ttipprovdi lilha nnifisha b'bażi analitika soda sabiex tappoġġa t-tfassil tal-politika fil-qasam tal-impjiegi u f'dak soċjali. Tali bażi ta'

(6) L-Unjoni għandha ttipprovdi lilha nnifisha b'bażi analitika soda sabiex tappoġġa t-tfassil tal-politika fil-qasam tal-impjiegi u f'dak soċjali. Tali bażi ta'

evidenza żżid il-valur mal-azzjoni nazzjonali billi tiġi provduta dimensjoni tal-Unjoni u tqabbil għall-ġbir ta' data u l-iżvilupp ta' għodod u metodi statistiċi u indikaturi komuni bil-ħsieb li tiġi mfassla stampa sħiħa tas-sitwazzjoni fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol madwar l-Unjoni u tiġi żgurata l-evalwazzjoni ta' kwalità għolja tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-programmi u l-politiki.

evidenza żżid il-valur mal-azzjoni nazzjonali billi tiġi provduta dimensjoni tal-Unjoni u tqabbil għall-ġbir ta' data u l-iżvilupp ta' għodod u metodi statistiċi u indikaturi komuni bil-ħsieb li tiġi mfassla stampa sħiħa tas-sitwazzjoni fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol madwar l-Unjoni u tiġi żgurata l-evalwazzjoni ta' kwalità għolja tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-programmi u l-politiki. ***B'mod partikulari, jekk id-dimensjoni territorjali tal-iżvantaġġ soċjoekonomiku tiġi mifhuma aħjar, dan jista' jżid b'mod sostanzjali l-valur mal-isforzi biex jiġu żviluppati approċċi aktar sostenibbli u integrati biex tali żvantaġġ jiġi affrontat b'mod determinat.***

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) L-Unjoni tinsab f'pożizzjoni unika sabiex tippovdi pjattaforma tal-Unjoni għal skambji ta' politika u tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri *fl-oqsma* tal-impjiegi u soċjali. Għarfien tal-politiki applikati f'pajjiżi oħra u tar-riżultati tagħhom iwessa' l-firxa ta' opzjonijiet disponibbli għall-persuni li jfasslu l-politika, iqanqal żviluppi ta' politika ġodda u jinkoraġġixxi riforma nazzjonali.

Emenda

(7) L-Unjoni tinsab f'pożizzjoni unika sabiex tippovdi pjattaforma tal-Unjoni għal skambji ta' politika u tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri ***billi thegħeġ eżempji ta' Prattika tajba fil-qasam*** tal-impjiegi u *fdak* soċjali Għarfien tal-politiki applikati f'pajjiżi oħra u tar-riżultati tagħhom iwessa' l-firxa ta' opzjonijiet disponibbli għall-persuni li jfasslu l-politika, iqanqal żviluppi ta' politika ġodda u jinkoraġġixxi riforma nazzjonali.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

(8a) Għandha tittieħed azzjoni wkoll biex jiġi promoss l-investiment fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u fil-faċilitajiet soċjali bil-ħsieb li mhux sempliċement jitnaqqsu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni imma wkoll biex jitrawmu t-tkabbir, il-benesseri u l-iżvilupp fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 9

(9) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi f'diversi livelli jista' jkollhom rwol importanti fl-issodisfar tal-oġġettivi tal-Programm, billi jipparteċipaw fil-proċess tat-tfassil tal-politika u billi jikkontribwixxu għall-innovazzjoni soċjali.

(9) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi f'diversi livelli jista' jkollhom rwol importanti fl-issodisfar tal-oġġettivi tal-Programm, billi jipparteċipaw fil-proċess tat-tfassil tal-politika u billi jikkontribwixxu għall-innovazzjoni soċjali. ***F'dan ir-rigward, għandu jiġi promoss dialogu kontinwu bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali bil-ħsieb li tiġi żgurata l-introduzzjoni effikaċi ta' azzjonijiet integrati.***

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 11

(11) B'mod konformi mal-Artikoli 45 u 46 tat-Trattat, ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jinkiseb il-moviment ħieles għall-ħaddiema billi jiżgura l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-

(11) (11) B'mod konformi mal-Artikoli 45 u 46 tat-Trattat, Regolament (UE) Nru 492/2011 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet maħsuba sabiex jinkiseb il-moviment ħieles għall-ħaddiema billi jiżgura l-kooperazzjoni mill-qrib bejn *is-*

Istati Membri u mal-Kummissjoni. EURES għandu jippromwovi funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol billi jiffaċilita l-mobilità ġeografika transnazzjonali tal-ħaddiema, jipprovdi *akbar* trasparenza *fuq is-saq* tax-xogħol, jiżgura l-ikklerjar ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol u jappoġġja attivitajiet fl-oqsma tas-servizzi tar-reklutaġġ, pariri u konsulenza fil-livell nazzjonali u transkonfinali, b'hekk ikun qed jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.

servizzi nazzjonali għall-impjiegi u mal-Kummissjoni. L-EURES għandu jippromwovi funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol billi *jidentifika b'mod attiv l-opportunitajiet ta' xogħol*, jiffaċilita l-mobilità ġeografika transnazzjonali tal-ħaddiema, *b'mod partikulari l-ħaddiema iżgħażaġh*, jipprovdi trasparenza *akbar fis-saq* tax-xogħol, jiżgura l-ikklerjar ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol u jappoġġja attivitajiet fl-oqsma tas-servizzi tar-reklutaġġ, pariri u konsulenza fil-livell nazzjonali u transkonfinali, b'hekk ikun qed jikkontribwixxi *għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-flessigurtà* u għall-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020. *Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni ma tistax twettaq il-funzjonijiet ta' servizz għall-impjiegi.*

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) In-nuqqas ta' aċċess għal kreditu huwa wieħed mill-ostakli għall-ħolqien tan-negozji, speċjalment fost il-persuni l-aktar 'il bogħod mis-saq tax-xogħol. L-isforzi tal-Unjoni u nazzjonali f'dan il-qasam jeħtieġ li jiġu intensifikati sabiex *tiżdied il-provvista* ta' mikrofinanzjament u tintlaħaq id-domanda minn dawk li jetiġuh l-aktar, u b'mod partikolari persuni diżokkupati u vulnerabbli li jixtiequ jibdeu jew jiżviluppaw mikrointrapriża, inkluż fuq il-bażi ta' impjieg *indipendenti*, iżda m'għandhomx aċċess għal kreditu. Bħala l-ewwel pass, fl-2010 l-Parlament Ewropew u l-Kunsill waqqfu l-Faċilità.

Emenda

(14) In-nuqqas ta' aċċess għal kreditu huwa wieħed mill-ostakli għall-ħolqien tan-negozji, speċjalment fost il-persuni l-aktar 'il bogħod mis-saq tax-xogħol. L-isforzi tal-Unjoni u *dawk* nazzjonali f'dan il-qasam jeħtieġ li jiġu intensifikati, *b'mod partikolari billi jagħmlu l-formalitajiet amministrattivi aktar flessibbli, ħalli b'mod partikolari, jiffaċilitaw it-trattament amministrattiv tal-operazzjonijiet ta' mikrofinanzjament u billi jaraw li l-intraprendituri futuri jkunu jistgħu jassistu għal seminars ta' tagħrif xierqa*, sabiex *jiżdied il-provvediment* ta' mikrofinanzjament u tintlaħaq id-domanda minn dawk li jetiġuh l-aktar, u b'mod partikolari persuni diżokkupati u vulnerabbli li jixtiequ jibdeu jew jiżviluppaw mikrointrapriża, inkluż fuq il-

bażi ta' impjieg *għal rashom*, iżda li m'għandhomx aċċess għal kreditu. ***Bl-istess mod, peress li l-impriżi żgħar u l-mikroimpriżi jiffurmaw il-maġġoranza tal-kumpaniji li għadhom kif inħolqu fl-Unjoni Ewropea, il-mikrofinanzjament jista' jkun il-mezz l-aktar rapidu biex jinkisbu l-valur miżjud u riżultati konkreti.*** Bħala l-ewwel pass, fl-2010 l-Parlament Ewropew u l-Kunsill waqqfu l-Faċilità.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a)

F'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, il-Programm għandu jittratta l-problema tal-qgħad fost iż-żgħażaġh.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17b)

Il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-prekarjetà tal-impjegi taż-żgħażaġh mhux biss tnaqqas l-ispejjeż soċjali imma wkoll tiffavorixxi l-inklużjoni soċjali.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 17c (ġdida)

(17c)

Il-faċilità ta' mikrofinanzjament għandu jkollha impatt dewwiemi, għandha tilħaq lill-benefiċjarji potenzjali u għandha sservi ta' għodda proattiva kemm għall-politiki ekonomiċi u kemm għal dawk ta' żvilupp lokali. L-azzjonijiet li jinvolu l-mikrofinanzjament u l-ntraprenditorija soċjali għandhom jiġu akkumpanjati minn programmi ta' tutoraġġ u ta' taħriġ sabiex jiġu massimizzati iċ-ċansijiet li jinħolqu mikrointrapriżi vijabbli. Għal dan il-għan jeħtieġ li parti fissa mill-baġit tiġi assenjati għall-miżuri ta' dan it-tip.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Skont l-Artikolu 9 tat-Trattat, il-Programm għandu jiżgura li r-rekwiżiti konnessi mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u l-għlieda kontra l-esklużjoni soċjali jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni.

(19) Skont l-Artikolu 9 tat-Trattat, il-Programm għandu jiżgura li r-rekwiżiti konnessi mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata u l-għlieda kontra l-esklużjoni soċjali jitqiesu fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni. ***L-awtoritajiet lokali u reġjonali jmisshom jipromwovu l-istituzzjonijiet dedikati għar-riċerka u l-industrija, u għandhom ukoll iħeġġu u jappoġġjaw l-investiment mill-impriżi industrijali fir-riċerka u l-iżvilupp. Bil-għan li tiġi ssemplifikata s-sistema ta' ġestjoni, jiġu implimentati l-attivitajiet tal-Programm u jiġi ġġenerat valur miżjud ġenwin, hija ħaġa indispensabbli li l-istrument il-ġdid jiġi integrat b'mod ċar fil-mekkaniżmi kumplementari li jinsabu fis-seħħ fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni (FSE, FEŻR).***

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti **fil-livell tal-Istati Membri** u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'mod konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'mod konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

Emenda

(21) Peress li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti **mill-Istati Membri kollha, b'mod partikulari fil-livell reġjonali**, u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri **fil-limiti tal-kompetenzi tagħha u** b'mod konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu **u bil-kunsiderazzjoni dovuta għall-istruttura istituzzjonali tal-Istati Membri**, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a)

Ir-realizzazzjoni effettiva tal-oġġettivi tal-Programm tista' tinkiseb bis-saħħa ta' involviment massimu tar-reġjuni u tal-ibliet fl-istadji operazzjonali kollha tar-realizzazzjoni u tal-implimentazzjoni. L-atturi reġjonali jridu jipparteċipaw sa mill-fażi tal-ippjanar u l-allokkazzjoni tal-finanzjament. Peress li llum il-ġurnata jinsabu fost l-atturi l-aktar importanti, inkluż fil-qasam tal-politika soċjali, ir-reġjuni jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-innovazzjonijiet soċjali

avangardisti.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a)

L-awtoritajiet kompetenti għandhom joffru inċentivi finanzjarji lill-impjegaturi li jipprovdu taħriġ għall-persunal bi kwalifiki baxxi u b'hekk jgħinuhom jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) 'Intrapriża soċjali' tfisser intrapriża li l-għan ewlieni tagħha huwa li tikseb impatt soċjali *minflok ma* tiġġenera qligħ għas-sidien u l-partijiet interessati. Topera fis-suq permezz tal-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi b'mod intraprenditorjali u innovattiv u tuża l-qligħ primarjament sabiex tilħaq għanijiet soċjali. Hija ġestita b'mod responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi tinvolvi l-ħaddiema, il-klijenti u l-partijiet interessati affettwati mill-attività tan-negozju tagħha.

(a) 'Intrapriża soċjali' tfisser intrapriża li l-għan ewlieni tagħha huwa li tikseb impatt soċjali **pożittiv aktar milli** tiġġenera qligħ għas-sidien u l-partijiet interessati. Topera fis-suq permezz tal-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi b'mod intraprenditorjali u innovattiv u tuża l-flus żejda li taqla' primarjament sabiex tilħaq għanijiet soċjali **xierqa, b'mod partikolari fil-kuntest tal-bżonnijiet lokali**. Hija ġestita b'mod responsabbli u trasparenti, b'mod partikolari billi tinvolvi l-ħaddiema, il-klijenti u l-partijiet interessati affettwati mill-attività tan-negozju tagħha.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) L-assi Progress, li għandu jappoġġja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika u l-leġislazzjoni tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u għandu jippromwovi t-tfassil ta' politika bbażata fuq evidenza u l-innovazzjoni, bi sħubija mal-imsieħba soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra;

Emenda

(a) L-assi Progress, li għandu jappoġġja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali u l-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u għandu jippromwovi t-tfassil ta' politika bbażata fuq evidenza u l-innovazzjoni, bi sħubija **mal-awtoritajiet lokali u reġjonali**, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra;

Ġustifikazzjoni

L-ilhug tal-obiettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 irid ikun ibbażat fuq il-livelli kollha tas-setgħa kompetenti f'dawk l-oqsma.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) L-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali li għandha tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għal imprendituri, speċjalment dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, u intrapriżi soċjali.

Emenda

(c) L-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali li għandu jiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-imprendituri, speċjalment dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, **iż-żgħażaġh** u l-intrapriżi soċjali.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Isaħħaħ ir-responsabbiltà tal-obiettivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-impjiegi, soċjali u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fost il-persuni ewlenin li jfasslu l-politika tal-Unjoni **u nazzjonali**, kif ukoll partijiet

Emenda

(a) Isaħħaħ ir-responsabbiltà tal-obiettivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-impjiegi, soċjali u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fost il-persuni ewlenin li jfasslu l-politika **li jappartienu għall-Istati Membri**, għall-

interessati oħra sabiex jiġu implimentati azzjonijiet konkreti u koordinati kemm fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri;

Unjoni, ***u għall-awtoritajiet reġjonali u lokali*** kif ukoll partijiet interessati oħra sabiex jiġu implimentati azzjonijiet konkreti u koordinati kemm fil-livell tal-Unjoni u *kemm f'dak* tal-Istati Membri, ***biex b'hekk tingħata spinta lill-fiduċja tal-pubbliku u tal-partijiet interessati kollha;***

Ġustifikazzjoni

L-ilħuq tal-obiettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 jrid tkun ibbażat fuq il-livelli kollha tas-setgħa kompetenti f'dawk l-oqsma. Hu għalhekk kruċjali li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE permezz tal-apprentistaġġ reċiproku, il-produzzjoni tal-evidenza u l-bini tal-kapaċità.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Jippromwovi l-mobilità ġeografika tal-ħaddiema u jsaħħaħ l-opportunitajiet tax-xogħol billi jiżviluppa s-swieq tax-xogħol tal-Unjoni li huma miftuħin u aċċessibbli għal kulħadd;

Emenda

(d) Jippromwovi l-mobilità ġeografika tal-ħaddiema u jsaħħaħ l-opportunitajiet tax-xogħol billi jiżviluppa s-swieq tax-xogħol tal-Unjoni li huma miftuħin, ***ġusti, ta' kwalità għolja*** u aċċessibbli għal kulħadd, ***waqt li tingħata attenzjoni partikulari liż-żgħażaġh li qed jaffaċċjaw diffikultajiet serji biex isibu opportunità ta' xogħol;***

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jiffoka l-attivitajiet immexxija taħt il-qafas tal-Programm fuq iż-żgħażaġh, b'mod partikulari dawk milquta mill-kriżi, u fuq dawk li ilhom qiegħda għal ħafna żmien.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Evalwazzjonijiet **u** valutazzjonijiet tal-impatt;

Emenda

(c) c) Evalwazzjonijiet, **inklużi, b’mod partikolari**, valutazzjonijiet tal-impatti **kwantitattivi u kwalitattivi**;

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) Monitoraġġ tal-impatt tal-politiki implimentati fir-rigward tal-gruppi l-aktar vulnerabbli;

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(db) Monitoraġġ tal-impatt tal-politiki implimentati fir-rigward tat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Tisħiħ tal-kapaċitajiet ta’ amministrazzjonijiet nazzjonali **u** servizzi ta’ speċjalisti responsabbli mill-promozzjoni tal-mobilità ġeografika magħżula mill-Istati Membri u l-fornituri

Emenda

(b) Tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet **reġjonali, lokali u** nazzjonali **kif ukoll** servizzi ta’ speċjalisti responsabbli mill-promozzjoni tal-mobilità ġeografika magħżula mill-Istati Membri u

ta' mikroreditu

l-fornituri ta' mikroreditu

Ġustifikazzjoni

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet hu essenzjali biex jingħata appoġġ lill-isforzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kontra l-faqar u l-esklużjoni. Jippermetti li jiġu ppruvati approċċi ġodda, li l-pari jitgħallmu minn xulxin u li l-esperjenzi jiġu kondiviżjoni.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma tal-uffiċjali nazzjonali sabiex iwettqu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

Emenda

(c) Organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma tal-uffiċjali nazzjonali, **reġjonali u lokali** sabiex iwettqu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

Ġustifikazzjoni

L-iskambji bejn amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom ikunu ta' għid għal-livelli kollha tal-gvernijiet peress li ħafna politiki pubbliċi huma kondiviżi u mhumiex il-kompetenza uniċi tal-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) Skambju ta' persunal bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Emenda

(f) Skambju ta' persunal bejn l-amministrazzjonijiet **reġjonali, lokali u** nazzjonali.

Ġustifikazzjoni

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE irid iqis ukoll il-kuntasti reġjonali u lokali u għandu, għaldaqstant, jinvolvi lir-rappreżentanti tal-gvernijiet reġjonali u lokali.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Azzjonijiet għall-promozzjoni tal-mobilità **ta' individwi** fl-Unjoni, b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali multiannwali għall-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol, u skemi ta' mobilità mmirati sabiex jimlew il-postijiet battala fejn ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol **u/jew** sabiex jgħinu gruppi speċifiċi ta' ħaddiema bħaż-żgħażaġh.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Azzjonijiet eliġibbli taħt il-Programm jistgħu jiġu implimentati b'mod konġunt ma' strumenti oħra tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li dawn l-azzjonijiet jissodisfaw l-oġettivi *ta' kemm il-Programm* kif ukoll tal-istrumenti l-oħra konċernati.

Emenda

4. Azzjonijiet għall-promozzjoni tal-mobilità **tal-ħaddiema** fl-Unjoni, b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali multilingwistika għall-ikklerjar ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għax-xogħol, u skemi ta' mobilità mmirati sabiex jimlew il-postijiet battala fejn ġew identifikati nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol **u** sabiex jgħinu gruppi speċifiċi ta' ħaddiema bħaż-żgħażaġh **u l-persuni ta' età aktar avvanzata**.

Emenda

Azzjonijiet eliġibbli taħt il-Programm jistgħu jiġu implimentati b'mod konġunt ma' strumenti oħra tal-Unjoni, **b'mod partikolari l-istrumenti finanzjarji**, bil-kundizzjoni li dawn l-azzjonijiet jissodisfaw l-oġettivi *kemm tal-Programm* kif ukoll tal-istrumenti l-oħra konċernati. ***F'dan ir-rigward, għandhom jitqiesu kif dovut is-sinerġiji mal-Fondi Strutturali tal-Unjoni, b'referenza speċifika għall-komplementarjetà bejn il-Programm u l-Fond Soċjali Ewropew, b'mod partikolari bil-ħsieb li jintlaħaq l-oġettiv tat-tkabbir inklużiv u l-qerda tal-faqar.***

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura li l-attivitajiet imwettqa taħt il-Programm huma konsistenti, u *komplimentari ma' azzjoni* oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u *f'dawk* l-oqsma bħad-djalogu soċjali, il-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-politika dwar iż-żgħażaġh, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, is-saħħa, it-*tkabbir* u r-relazzjonijiet esterni, u l-politika ekonomika ġenerali.

Emenda

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ***skont il-prinċipju tas-sħubija***, għandha tiżgura li l-attivitajiet imwettqa taħt il-Programm huma konsistenti u *komplementari fir-rigward ta' azzjonijiet* oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari taħt ***il-fondi ta' politika ta' koeżjoni, b'referenza speċjali għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)***, u *f'dawk* l-oqsma bħad-djalogu soċjali, il-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-politika dwar iż-żgħażaġh, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, is-saħħa, it-*tkabbir* u r-relazzjonijiet esterni, u l-politika ekonomika ġenerali.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-attivitajiet appoġġjati mill-Programm għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali, *inkluż regoli* dwar l-*għajnuna* tal-istat.

Emenda

2. L-attivitajiet appoġġjati mill-Programm għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali, *inklużi r-regoli* dwar l-*għajnuna* tal-istat, ***u l-Konvenzjonijiet tal-ILO***.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-koerenza u l-komplementarjetà

għandhom jiġu żgurati wkoll permezz ta' impenn deċiżiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-Programm.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-riżultati tal-azzjonijiet implimentati taħt il-Programm għandhom jiġu komunikati u mxerrda b' mod xieraq sabiex jiġu massimizzati l-impatt, is-sostenibilità u l-valur miżjud tal-Unjoni.

Emenda

1. Ir-riżultati tal-azzjonijiet implimentati taħt il-Programm għandhom jiġu komunikati u mxerrda b' mod xieraq ***lill-partijiet interessanti kollha*** sabiex jiġu massimizzati l-impatt, is-sostenibilità u l-valur miżjud tagħhom għall-Unjoni.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Faċilitazzjoni ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, taġġim reċiproku u djalogu dwar l-impjiegi u l-politika soċjali tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali sabiex l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jiġu assistiti fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

Emenda

(b) Faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni, taġġim reċiproku u djalogu effettivi u inklużivi dwar il-politika tal-Unjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali u l-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, ***reġjonali, lokali***, u internazzjonali sabiex l-Istati Membri u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jiġu assistiti fl-iżvilupp tal-politiki tagħhom u fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni;

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Provvista ta' appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-Unjoni **u** nazzjonali sabiex iżidu l-kapaċità tagħhom biex jiżviluppaw, jippromwovu u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal- leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-impjiegi u l-politika soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Emenda

(d) Provvista ta' appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-Unjoni, nazzjonali, **reġjonali u lokali** sabiex iżidu l-kapaċità tagħhom sabiex jiżviluppaw, jippromwovu u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar l-impjiegi u l-qasam soċjali u l-leġislazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

(e) Organizzazzjonijiet mhux governattivi, **u b'mod partikolari** dawk organizzati fil-livell tal-Unjoni;

Emenda

(e) Organizzazzjonijiet mhux governattivi, **inklużi dawk organizzati fil-livell nazzjonali u** dawk organizzati fil-livell tal-Unjoni;

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) Jiżguraw li postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet tax-xogħol u kwalunkwe informazzjoni relatata huma trasparenti għall-applikanti u l-impjegaturi potenzjali; dan għandu jinkiseb permezz tal-iskambju u t-tixrid tagħhom fil-livell transnazzjonali, interreġjonali u transkonfinali bl-użu ta' formoli standard tal-interoperabilità;

Emenda

(a) Jiżguraw li postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet tax-xogħol u kwalunkwe informazzjoni relatata huma trasparenti għall-applikanti u l-impjegaturi potenzjali; dan għandu jinkiseb permezz **tal-identifikazzjoni u l-kompilazzjoni kontinwa ta' opportunitajiet ta' xogħol ġodda fil-livell Ewropew fis-settur pubbliku jew f'dak privat, filwaqt li jiġu promossi** l-iskambju u t-tixrid tagħhom fil-livell transnazzjonali, interreġjonali u transkonfinali bl-użu ta' formoli standard tal-interoperabilità; **in-netwerk EURES għandu jsir il-portal Ewropew veru għall-**

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 1 – parti intradutturja

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Żieda fl-aċċess** għal mikrofinanzjament u d-disponibilità *għalih* għal:

Emenda

1. **Jiġu minimizzati l-ostakoli u l-piżijiet amministrattivi bil-għan li jiżied l-aċċess** għall-mikrofinanzjament u d-disponibilità *tiegħu, filwaqt li tinqata' l-burokrazija amministrattiva*, għal:

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) persuni li tilfu ***jew li huma fir-riskju li jtilfu*** l-impjieġ tagħhom, jew li għandhom diffikultà *sabiex* jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali u persuni vulnerabbli li huma f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdedew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi proprji tagħhom;

Emenda

(a) persuni li tilfu l-impjieġ tagħhom, jew li għandhom diffikultà *biex* jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, ***iż-żgħażaġh, kif ukoll*** persuni ***li jinsabu*** f'riskju *ta'* esklużjoni soċjali u persuni vulnerabbli li huma f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali u li jixtiequ jibdedew jew jiżviluppaw il-mikrointrapriżi proprji tagħhom, ***inkluża attivitè fejn dak li jkun jaħdem għal rasu, mingħajr ebda diskriminazzjoni bbażata fuq l-età;***

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Bil-għan li tiġi żgurata l-komplementarjetà, dawn l-azzjonijiet se jiġu kkoordinati mill-qrib ma' dawk

implimentati fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni.

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-korpi pubbliċi u privati li jwettqu attivitajiet kif imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandhom jaderixxu mal-istandards għoljin li jikkonċernaw it-tmexxija, il-ġestjoni u l-protezzjoni tal-klijent b'konformità mal-prinċipji tal-Kodiċi Ewropew tal-Imġiba Tajba għall-Provvista ta' Mikrokreditu u għandhom jippruvaw jipprevjenu li persuni u impriżi jkollhom dejn eċċessiv.

Emenda

3. Il-korpi pubbliċi u privati li jwettqu attivitajiet kif imsemmi fil-paragrafu 1(a) għandhom jaderixxu mal-istandards għoljin li jikkonċernaw it-tmexxija, il-ġestjoni u l-protezzjoni tal-klijent b'konformità mal-prinċipji tal-Kodiċi Ewropew tal-Imġiba Tajba għall-Provvista ta' Mikrokreditu u għandhom jippruvaw jipprevjenu li persuni u impriżi jkollhom dejn eċċessiv ***ipprovokat mill-għoti ta' selfiet b'rati ta' interess għolja ħafna u b'kundizzjonijiet li x'aktarx iwasslu biex isiru insolventi.***

PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| Titolu | Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni |
| Referenzi | COM(2011)0609 – C7-0318/2011 – 2011/0270(COD) |
| Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | EMPL 25.10.2011 |
| Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI 25.10.2011 |
| Rapporteur Data tal-ħatra | Tomasz Piotr Poręba 23.11.2011 |
| Eżami fil-kumitat | 26.4.2012 |
| Data tal-adozzjoni | 29.5.2012 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 39 –: 0 0: 2 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Jean-Paul Basset, Victor Boştinaru, Alain Cadec, Nikos Chrysogelos, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Ivars Godmanis, Lena Kolarska-Bobińska, Ivari Padar, László Surján, Giommara Uggias |